MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 233/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-attur A u l-intimata B żżewġu fl-4 ta' Mejju tas-sena 2002 skond ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok. SA1;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja

miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha;

3. Illi skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artiklu 19 (1) (d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta, iż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta;

4. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-Liġi.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet ta’ l-4 ta’ Mejju tas-sena 2002 fuq imsemmi hu null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artiklu 19 (1) (d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hi minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fis-17 ta’ Settembru, 2007, li permezz tagħha:

1. Illi filwaqt li l-esponenti taqbel li ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti ta’ l-4 ta’ Mejju tas-sena 2002 huwa null u bla effett fil-liġi, hija teċċepixxi li hi ma kinitx il-kawża ta’ tali nullita’ u għaldaqstant m’għandhiex issofri spejjeż għal din il-proċedura;

2. Illi kien il-kunsens tar-rikorrent li kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali tagħha;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta’ l-attur u ta’ ommu Maria Victoria Agius.

Rat l-affidavit tal-konvenuta u ta’ oħtha Roseanne Debattista.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-2002 a bażi ta’ l-Artiklu 19(1) (d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta, kif *gia’* ingħad qabel, taqbel mat-talba għal raġunijiet oħra. Naturalment, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika anke f’każ ta’ ammissjoni.

L-artiklu ċitat mill-attur jirrigwarda:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja

psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu ftit hemm x'wieħed jgħid ħlief li l-partijiet kienu għadhom żgħar wisq meta bdew joħorġu flimkien esklussivament, u għalkemm iżżewġu ta' tnejn u għoxrin sena u għoxrin sena rispettivament (eta' wkoll żgħira iżda dan ma jagħtix lok għal annullament), huma xorta ħassewhom marbuta minn snin qabel. Għalhekk ma huwiex sorprendenti l-fatt illi mbagħad meta żżewġu l-istess żwieġ ikkrolla kważi mill-ewwel u l-partijiet isseparaw wara biss tliet snin. Fil-fehma tal-Qorti l-forma *mentis* tal-partijiet kienet ferm 'il bogħod milli jkollhom id-diskrezzjoni neċessarja għaż-żwieġ u kwindi jidher ċar illi jirriżultaw l-estremi tas-sub-inċiż (d) imsemmi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-4 ta' Mejju, 2002. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------